MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 69/2008

**A**

**-vs-**

**B u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2009 l-Avukat Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina gew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil B *stante* li jinsab assenti minn dawn il-gżejjer.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta' Frar 2008 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi hija kienet iżżewġet lil B fit-2 ta' Novembru tal-1989 u ż-żwieġ tagħhom huwa reġistrat fir-Reġistru Pubbliku (iskrizzjoni numru 2110 tas-sena 1989) kif jidher miċ-ċertifikat anness, Dok. A.

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma kellhom l-ebda wild.

3. Illi l-partijiet kienu żżewġu wkoll bir-rit kattoliku nisrani fil-Knisja tal-Madonna tal-Monte Carmeli fil-parroċċa ta' Porto Salvo, fil-Belt Valletta fit-18 ta' Frar 1990, u dan iż-żwieġ kien ġie debitament annullat mill-Qorti Ekklesjastika fl-ewwel istanza fil-21 ta' Frar 2003, u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fit-Tieni Istanza fl-1 ta' Marzu 2004, kopji hawn annessi.

4. Illi dana kien ġara peress illi ż-żwieġ bejn il-partijiet kien sfaxxa rrimedjabbilment u fil-fatt kienet isseparat minn żewġha hawn konvenut fis-6 ta' Frar, 1997.

5. Illi dana seħħ peress li sa mill-bidu taż-żwieġ hija bdiet tinduna li l-konvenut ma kienx dik il-persuna li hija kienet ħasbet li kien. L-imġieba tiegħu ma kienetx dik ta' ragel li kien daħal għaż-żwieġ lest jieħu ħsieb u jerfa' responsabbilta' ta' dak li kien daħal għalih, bi ksur tal-artikolu 19.1(c) tal-Att taż-Żwieġ.

6. Illi dawn il-kwalitajiet tal-konvenut, li mix-xorta tagħhom fixklu drastikament il-ħajja miżżewġa tal-partijiet, juru li l-attriċi kienet ġiet imqarrqa u l-kunsens tagħha kien vizzjat minħabba dan il-qerq tal-konvenut, bi ksur tal-artikolu 19.1(d) tal-Kap 255.

7. Illi tul iż-żwieġ il-konvenut ġab ruħu b'mod li juri li huwa ma kellux il-kwalitajiet biex jassumi l-obbligazzjonijiet ta' raġel miżżewweġ. Huwa kien jonqos bl-aġir tiegħu fid-doveri lejn martu u l-familjari tagħha.

8. Illi l-konvenut kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tiegħu, kif ukoll anomalija psikoloġika serja li kienet tagħmilha mpossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Għaldaqstant jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li ż-żwieġ tal-partijiet iċċelebrat fl-10 ta' Mejju 1994:

1) Huwa null u bla ebda effett u dana minħabba li l-kunsens tal-attriċi kien ivvizzjat peress li hija kienet imqarrqa dwar kwalitajiet tal-konvenut li fixklu serjament il-ħajja miżżewġa, bi ksur tal-artikolu 19 (1)(c), u

2) Huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minħabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u fuq id-drittjiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha kif ukoll b'anomalija psikologika serja li tagħmilha mpossibli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet taż-żwieġ bi ksur tal-artikolu 19 (1)(d).

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-1 ta' April 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament l-interess ta' l-esponent f'din l-azzjoni huwa limitatament għal skopijiet ta' reġistrazzjoni.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi fir-rigward ta' l-ewwel premessa l-esponent jirrileva li n-numru progressiv ta' iskrizzjoni tal-Att taż-Żwieġ huwa *omissis* tas-sena 1989 u mhux kif ġie erronjament indikat *omissis* tas-sena 1989. *Inoltre*, l-esponent jinnota wkoll li d-data taż-żwieġ ċivili in kwistjoni kif dedotta fit-talba tar-rikors ġuramentat għandha tiġi korretta fis-sens li għandha taqra 2 ta' Novembru 1989 u mhux kif ġie erronjament indikat l-10 ta' Mejju 1994.

4. Illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż tal-istanti.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut B, ippreżentata fis-6 ta' Frar 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-eċċipjenti jaqbel illi ż-żwieġ bejn il-partijiet għandu jiġi dikjarat null u bla effett kollha tal-Liġi, u dan in vista ta' nuqqasijiet u vizzji da parti taż-żewġ partijiet, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Illi jsegwi għalhekk illi l-eċċipjenti ma għandux jiġi kkundannat iħallas ebda spejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri.

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-attriċi, u ta' *omissis.*

Rat id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1989 a bażi tal-artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut kien assenti għalkemm ipprezenta risposta fejn m'opponiex għat-talba iżda m'assumiex l-atti formalment.

Naturalment pero' kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-*

*parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Is-sub-inċiżi tal-Artikolu 19 (1) ċitati mill-attur jirrigwardjaw:

19 (1) (c) – kunsens miksub b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **"Joseph Zammit vs Bernardette Zammit"** (27 ta' Jannar, 2006):

*"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

Minn eżami tal-affidavit tal-attriċi jidher ċar li l-kunsens kien vizzjat. Fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ."* F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru, 1994), **"Robert**

**Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru, 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Fil-kaz in eżami l-partjiet kienu it-tnejn romol u żżewġu wara li tilfu s-sieħeb u sieħba rispettivi tagħhom ta' eta żgħira ħafna; it-tnejn kellhom wild miż-żwieġ preċedenti. Kif irriżulta mill-atti tal-proċeduri ta' annullament li saru quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku (il-partijiet iżżewġu bir-rit kattoliku f'ċerimonja separata) il-konvenut ħeba mill-attriċi l-vizzju tal-logħob li kellu. Għal din ir-raġuni t-tribunal laqa' t-talba għall-annullament.

Il-partijiet iżżewġu xi sena wara li ltaqgħu u t-tnejn kellhom bżonn il-wens kif ġia' ingħad. L-attriċi tgħid li seraqha malli żżewġu u jidher li l-vizzju tal-logħob kien wisq għall-konvenut li qatt ma seta' joħroġ minnu. Għalhekk it-talba attriċi timmerita illi tiġi milqugħa.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa t-talba attriċi u tiddikara null iż-żwieġ imsemmi kuntrattat fit-2 ta' Novembru 1989; l-ispejjeż ikunu bla taxxa iżda l-attriċi għandha tħallas l-ispejjeż tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------